A.L. 65 ta' l-1991

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Edukazzjoni (bl-Unuri) — B.Ed. (Hons.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Edukazzjoni (bl-Unuri) (B.Ed. (Hons.)) u jgħoddu għal korsijiet mibdija fl-1987 jew wara.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' BAĊILLIER TA' L-EDUKAZZJONI (BL-UNURI) — (B.Ed. (Hons.)

(Igħoddu għal korsijiet mibdija fl-1987 jew wara)

1. **Eliġibilità għall-Grad**

Biex ikun jista' jingħata l-Grad ta' Baċillier ta' l-Edukazzjoni (Bl-Unuri) kandidat irid:

(a) ikun reġistrat bħala student matrikolat skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università;

(b) jissodisfa r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors skond ir-regolament 3 hawn isfel;

(ċ) itemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżami u jissodisfa rekwiżiti oħra kif imniżżla f'dawn ir-regolamenti;

(d) jissodisfa rekwiżiti oħra mniżżla fi statuti u regolamenti rilevanti oħra ta' l-Università.

2. **It-Tul tal-Kors**

Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Edukazzjoni (Bl-Unuri), jinfirex fuq erba' snin kif imniżżel hawnhekk fir-regolament 4.

3. **Rekwiżiti Speċjali tal-Kors**

3.1 Il-kandidati jrid ikollhom ċertifikat bil-Grad Ċ jew aħjar fil-Livell Avanzat, jew ekwivalenti, fis-suġġett/i magħżul/a bħala Qasam ta' Tagħlim, jekk il-Bord tal-Fakultà, bl-approvazzjoni tas-Senat, ma jispeċifikax mod ieħor.

3.2 Għall-istudenti li daħlu fl-1987 u fl-1988, ir-rekwiżiti fil-Livell Avanzat huma: Tliet ċertifikati fil-Livell Avanzat (tnejn minnhom bi Grad Ċ jew aħjar). Fil-każ ta' l-istudenti li daħlu fl-1987, jiġu kunsidrati l-gradi kompensatorji jekk ikun hemm postijiet biżżejjed.

4. **Il-Programm tal-Kors**

4.1 Il-programm tal-B.Ed. (Hons.) hu maqsum f'żewġ taqsimiet: L-Ewwel Taqsima hi magħmula mill-ewwel sentejn tal-kors, u t-Tieni Taqsima hi magħmula mis-sentejn l-oħra.

4.2 Kandidat ma jistax itemm il-kors tal-B.Ed. (Bl-Unuri) qabel erba' snin jew wara ħames snin minn meta jidħol fil-kors għall-ewwel darba, ħlief f'ċirkustanzi speċjali bil-permess tas-Senat:

Sakemm għall-istudenti li daħlu fl-1987 it-tul tal-kors ma jieħux aktar minn ħames snin u nofs.

4.3 Il-kors hu magħmul minn dawn l-oqsma ta' studju:

(a) It-Teorija ta' l-Edukazzjoni
(b) Il-Pedagoġija u t-Taħriġ tat-Tagħlim
(ċ) Il-Qasam ta' Tagħlim I u II.

4.4 Kandidat hu mistenni jagħżel żewġ Oqsma ta' Tagħlim mit-'Tagħlim fis-Snin Bikrija u Nofsana', u minn dawk is-suġġetti mgħallma fl-iskejjel Sekondarji u Tekniċi. Il-kombinazzjoni ta' l-Oqsma tat-Tagħlim normalment tinkludi t-'Tagħlim fis-Snin Bikrija u Nofsana', madankollu, il-Bord tal-Fakultà jista' jħalli li jsiru kombinazzjonijiet differenti.

4.5 Il-kors hu magħmul minn 104 unitajiet ta' studju. Dawn huma mqassma fuq erba' snin skond pjan ta' kurrikulu li jkun approvat mill-Bord tal-Fakultà u mxandar fil-'prospectus'.

4.6 Katalgu ta' l-unitajiet ta' studju u tal-kredti mogħtija lil kull waħda jkun sottomess mill-Bord tal-Fakultà lis-Senat għall-approvazzjoni.

4.7 F'kull sena tal-kors, kandidat għandu jirreġistra għal mhux aktar minn 25 kredtu. L-għażla ta' l-unitajiet ta' studju, u l-ordni li fih għandhom jittieħdu mill-kandidat, għandhom ikunu approvati mill-Bord tal-Fakultà.

4.8 It-tul sħiħ tat-Taħriġ fit-Tagħlim ivvalutat m'għandux ikun inqas minn 22 ġimgħa. Dawn huma maqsuma f'erba' taqsimiet ta' taħriġ fit-tagħlim ta' ħames jew sitt ġimgħat kull waħda.

4.9 Il-Bord tal-Fakultà jista' jeżenta lil kandidat mir-rekwiżit li jikseb kredtu għal xi unità ta' studju partikulari jekk huwa kiseb mill-Università, jew minn istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, xi kwalifika li, fil-fehma tal-Bord tal-Fakultà, hija ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dik mitluba għall-kredtu li jkun. L-akbar

għadd ta' kredti li kandidat jista' jkun eżentat minnhom ma jistax jaqbeż l-24. L-eżenzjonijiet jingħataw biss fl-Ewwel Taqsima tal-kors. Fit-Tieni Taqsima tal-kors kandidat jista' jitħalla jagħmel unitajiet ta' studju f'istituzzjoni oħra jekk ikun ingħata permess minn qabel mill-Bord tal-Fakultà. Għall-għanijiet tal-klassifikazzjoni, il-kredti miksuba f'istituzzjonijiet oħra jiġu vvalutati *pro rata* mibnija fuq il-gradi l-oħra miksuba fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni. Kandidat ma jistax ikun eżentat minn aktar minn sessjoni waħda tat-Taħriġ fit-Tagħlim u ma jistax ikun eżentat mit-Taħriġ fit-Tagħlim Finali.

5. Valutazzjoni

5.1 Kandidat itemm l-Ewwel Taqsima tal-kors u jista' jgħaddi għat-Tieni Taqsima jekk jikseb minimu ta' 40 kredtu li jinkludu:

.1. 10 kredti fit-Teorija ta' l-Edukazzjoni
.2. 5 kredti fil-Pedagoġija
.3. 10 kredti fil-Qasam tat-Tagħlim Numru Wieħed
.4. 10 kredti fil-Qasam tat-Tagħlim Numru Tnejn
.5. 3 kredti permezz ta' sessjoni tat-Taħriġ fit-Tagħlim li jtemmha b'suċċess.

5.2 Għall-għan ta' 5.1.3 u 5.1.4 f'ċerti każijiet li huma identifikati fil-katalgu, kandidati li l-Qasam tat-Tagħlim Numru Wieħed u Tnejn tagħhom huma magħquda jistgħu jgħaddu għat-Tieni Taqsima tal-Kors jekk jiksbu total ta' 20 kredtu fl-Oqsma tat-Tagħlim magħquda:

Sakemm il-kandidati li daħlu fl-1987 jistgħu jgħaddu għat-Tieni Taqsima tal-kors jekk jiksbu 40 kredtu li jinkludu sessjoni waħda tat-Taħriġ fit-Tagħlim, u jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jgħaddu għat-Tieni Taqsima ta' l-Oqsma tat-Tagħlim.

5.3 Kandidat li ma jiksibx minimu ta' 16-il kredtu "mgħallma" sa tmiem l-ewwel sena, jew ma jissodisfax ir-rekwiżiti għall-Ewwel Taqsima, ikun mistenni li jtemm l-Ewwel Taqsima b'sena oħra ta' studju.

5.4 Kandidat itemm it-Tieni Taqsima u jikkwalifika għall-B.Ed. (Bl-Unuri) jekk jikseb minimu ta' 82 kredtu li jinkludu:

.1. 20 kredtu fit-Teorija ta' l-Edukazzjoni, inkluż l-Eżami Finali fit-Teorija ta' l-Edukazzjoni
.2. 5 kredti fil-Pedagoġija
.3. 20 kredtu fil-Qasam tat-Tagħlim Numru Wieħed
.4. 20 kredtu fil-Qasam tat-Tagħlim Numru Tnejn

u jagħmel b'suċċess

.5. Tliet sessjonijiet ta' Taħriġ fit-Tagħlim, inkluż it-Taħriġ fit-Tagħlim Finali (minimu ta' 11-il kredtu)
.6. Dissertazzjoni (6 kredti).

5.5 Għall-għan ta' 5.4.3 u 5.4.4 kandidati li l-Oqsma tat-Tagħlim Numru Wieħed u Numru Tnejn tagħhom huma magħquda jikkwalifikaw għall-grad ta' B.Ed. (Bl-Unuri) jekk jiksbu minimu ta' 40 kredtu fl-Oqsma tat-Tagħlim magħquda.

5.6 Kandidat li sa tmiem it-tielet sena ma jiksibx minimu ta' 14-il kredtu mghallma matul dik is-sena, jew li, fi tmiem ir-raba' sena ma jissodisfax ir-rekwiżiti ghall-ghoti tal-grad, ikun mistenni jtemm it-Tieni Taqsima f'sena ohra ta' studju, sakemm ma thalliex jagħmel sena ohra ta' studju fl-Ewwel Taqsima.

5.7 Kandidat li jiehu unitajiet jew oqsma ta' suġġett f'Fakultajiet ohrajn irid jissodisfa l-kriterji tal-valutazzjoni f'dawk il-Fakultajiet.

5.8 Minbarra fl-Eżamijiet Finali fit-Teorija ta' l-Edukazzjoni, kandidat li, ghal xi raġuni, ma jirnexxilux jikseb kredtu, ma jitħalliex jagħmel sessjoni supplimentari:

Sakemm il-kandidati li daħlu fl-1987 li ma jirnexxilhomx jiksbu kredtu jitħallew jagħmlu riparatorju jew joqogħdu għal sessjonijiet supplementari fl-Ewwel Taqsima biss tal-kors;

Sakemm ukoll kandidati li daħlu fl-1988 huma mħollija jagħmlu riparatorju jew sessjonijiet supplementari fil-kredti biss li weħlu fihom matul l-ewwel sena tal-kors.

6. It-Taħriġ fit-Tagħlim

6.1 Kandidat jissodisfa r-rekwiżit tat-Taħriġ fit-Tagħlim jekk itemm b'suċċess it-Taħriġ fit-Tagħlim Finali u tnejn mit-tliet sessjonijiet tat-Taħriġ fit-Tagħlim.

6.2 Kandidat jitqies li ma temmx sessjoni tat-Taħriġ fit-Tagħlim jekk għal xi raġuni jonqos li jgħallem għal aktar minn ħamest ijiem matul dik is-sessjoni.

6.3 Kandidat ma jitħalliex ikompli l-kors jekk jeħel f'żewġ sessjonijiet wara xulxin tat-Taħriġ fit-Tagħlim.

6.4 Kandidat ma jitħalliex igħaddi għat-Taħriġ fit-Tagħlim Finali tiegħu jekk ma jkunx temm b'suċċess għall-inqas tnejn mit-tliet sessjonijiet tat-Taħriġ fit-Tagħlim.

6.5 Kandidat li jeħel fit-Taħriġ fit-Tagħlim Finali tiegħu jitħalla jagħmel perijodu ieħor ta' Tagħlim biex ikun ivvalutat.

6.6 F'każijiet tassew eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà, kandidat li ma rnexxilux jagħmel sessjoni ta' Taħriġ fit-Tagħlim jista' jitħalla jagħmel, minflok dan, perijodu ta' tagħlim mifrux fuq għadd ta' ġimgħat. Din il-konċessjoni ma tgħoddx għat-Taħriġ fit-Tagħlim Finali.

6.7 L-ewwel u t-tieni sessjoni tat-Taħriġ fit-Tagħlim għandhom tliet kredti kull waħda, waqt li t-tielet waħda u s-sessjoni tat-Taħriġ fit-Tagħlim Finali għandhom ħames kredti kull waħda.

7. Id-Dissertazzjoni

7.1 Kandidat irid jissodisfa r-rekwiżit tad-Dissertazzjoni, li hu ekwivalenti għal sitt kredti. Kandidat li jeħel fir-rekwiżit tad-Dissertazzjoni jista' jerġa' jissottometti d-dissertazzjoni darba fi żmien tnax-il xahar.

8. Eżamijiet Finali

8.1 L-Eżamijiet Finali jsiru fit-Teorija ta' l-Edukazzjoni u huma mibnija fuq it-temi studjati fit-Tieni Taqsima tal-kors.

8.2 L-Eżamijiet Finali fit-Teorija ta' l-Edukazzjoni huma magħmulin minn tliet karti, waħda fil-Psikoloġija ta' l-Edukazzjoni, waħda fis-Soċjoloġija ta' l-Edukazzjoni, u waħda fil-Filosofija ta' l-Edukazzjoni.

8.3 Biex jissodisfa r-rekwiżit ta' l-Eżami Finali, kandidat irid igħaddi minn kull karta. Kandidat li jeħel f'xi waħda mit-tliet karti jista' jingħata sessjoni supplementari waħda fil-karta/i fejn ikun weħel.

8.4 Il-grad jew il-marki miksuba f'sessjoni supplementari ta' l-Eżamijiet Finali u tat-Taħriġ fit-Tagħlim Finali huma l-grad jew il-marki minimi ta' min għadda.

9. **Iċ-Ċertifikazzjoni**

9.1 Għall-għanijiet tal-klassifikazzjoni jkunu kunsidrati biss unitajiet ta' studji kreditati.

9.2 L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-għoti tal-grad B.Ed. (Bl-Unuri) jixxandru f'ordni alfabetiku f'lista maqsuma fil-kategoriji l-Ewwel Klassi (Bl-Unuri), it-Tieni Klassi (Bl-Unuri) (Taqsima Superjuri), it-Tieni Klassi (Bl-Unuri) (Taqsima Inferjuri), it-Tielet Klassi (Bl-Unuri) u Għadda.

10. **Applikabilità**

10.1 Dawn ir-Regolamenti jgħoddu għal korsijiet mibdija fl-1987 jew wara.